



Brussell, 6 ta' Marzu 2026
(OR. en)

7113/26

**Fajl Interistituzzjonali:
2026/0062 (NLE)**

**UD 56
COEST 199
AGRIORG 40
AGRIFIN 55
COMER 37
POLCOM 86
ECOFIN 301**

PROPOSTA

minn:	Is-Segretarju Ġenerali tal-Kummissjoni Ewropea, iffirmata mis-Sa Martine DEPREZ, Direttur
data meta waslet:	20 ta' Frar 2026
lil:	Is-Sa Thérèse BLANCHET, Segretarju Ġenerali tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea
Nru dok. Cion:	COM(2026) 99 final
Suġġett:	Proposta għal REGOLAMENT TAL-KUNSILL li jissospendi d-dazji tat-Tariffa Doganali Komuni msemmija fl-Artikolu 56(2), il-punt (c), tar-Regolament (UE) Nru 952/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, li jiftaħ u jipprevedi l-ġestjoni ta' kwoti tariffarji awtonomi għal ċerti fertilizzanti

Id-delegazzjonijiet isibu mehmuż id-dokument COM(2026) 99 final.

Mehmuż: COM(2026) 99 final



IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Brussell, 20.2.2026
COM(2026) 99 final

2026/0062 (NLE)

Proposta għal

REGOLAMENT TAL-KUNSILL

li jissospendi d-dazji tat-Tariffa Doganali Komuni msemmija fl-Artikolu 56(2), il-punt (c), tar-Regolament (UE) Nru 952/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, li jiftaħ u jipprevedi l-ġestjoni ta' kwoti tariffarji awtonomi għal ċerti fertilizzanti

MEMORANDUM TA' SPJEGAZZJONI

1. KUNTEST TAL-PROPOSTA

• Raġunijiet u objettivi tal-proposta

L-għan tal-proposta meħmuża għal Regolament huwa s-sospensjoni temporanja tad-dazji tat-Tariffa Doganali Komuni msemmiya fl-Artikolu 56(2), il-punt (c), tar-Regolament (UE) Nru 952/2013 fuq oġġetti użati għall-produzzjoni ta' fertilizzanti bbażati fuq in-nitroġenu, ċerti fertilizzanti bbażati fuq in-nitroġenu, u taħlitiet li fihom in-nitroġenu; bħalissa kklassifikati taħt l-intestatura 2814 tan-Nomenklatura Magħquda (NM) u s-subintestatura 3102 10, 3102 21, 3102 60, 3102 80, 3105 20, 3105 30, u 3105 40, sa ċertu volum ta' importazzjonijiet fl-Unjoni.

Is-suq tal-Unjoni għal ċerti fertilizzanti tan-nitroġenu, inklużi oġġetti għall-produzzjoni tagħhom jiddependi b'mod konsiderevoli fuq l-importazzjonijiet minn pajjiżi terzi. Fl-2024, l-Unjoni importat 2 miljun tunnellata ta' ammonijaka u 5,9 miljun tunnellata ta' urea biex tipproduċi fertilizzanti tan-nitroġenu. Barra minn hekk, l-Unjoni importat total ta' 6,7 miljun tunnellata ta' fertilizzanti bbażati fuq in-nitroġenu, u taħlitiet li fihom in-nitroġenu taħt is-subintestaturi l-oħra kkonċernati. Dawn huma kollha fertilizzanti intensivi fil-karbonju, li l-produzzjoni tagħhom hija soġġetta għal emissjonijiet sostanzjali tal-karbonju u fejn id-diversifikazzjoni u s-sostituzzjoni huma diffiċli, u jeħtieġu ż-żmien. Għal dawn il-prodotti, il-Federazzjoni Russa kienet il-fornitur globali dominanti tal-Unjoni. Dawn il-fertilizzanti huma essenzjali għall-bdiewa. Il-bdiewa Ewropej jeħtieġu fluss kummerċjali sigur u regolari ta' fertilizzanti bi prezzijiet kompetittivi biex jiggarrantixxu l-produzzjoni agrikola u s-sigurtà tal-ikel fl-Unjoni u fis-swieq globali – peress li l-Unjoni hija esportatur dinji ewlieni ta' ħafna għelejjel tar-raba' ewlenin. Il-prezzijiet għall-fertilizzanti bbażati fuq in-nitroġenu fl-Unjoni żdiedu drastikament wara l-invażjoni Russa tal-Ukrajna, u l-irkupru mill-ogħla livelli tal-prezzijiet fl-2023 u fl-2024 kien biss parzjali. Barra minn hekk, il-prezzijiet tal-fertilizzanti bbażati fuq in-nitroġenu fl-2025 reġġu żdiedu, u f'Diċembru 2025 kienu 23 %¹ ogħla mill-medja tal-2024.

Sabiex jittaffew il-kostijiet għall-produtturi tal-fertilizzanti tal-Unjoni u b'hekk jitnaqqsu l-kostijiet għall-bdiewa tal-Unjoni u jingħata kontribut għall-provvista xierqa tal-ikel prodott fl-Unjoni, jixraq li jiġu sospiżi temporanjament ir-rati tad-dazju doganali applikabbli għall-oġġetti użati għall-produzzjoni ta' fertilizzanti tan-nitroġenu, ċerti fertilizzanti bbażati fuq in-nitroġenu, u taħlitiet li fihom in-nitroġenu sa ċertu livell ta' importazzjonijiet. Sabiex tizzied l-istabbiltà tal-provvista, huwa xieraq ukoll li jitwessa' l-ambitu ġeografiku tal-importazzjonijiet minn oriġini mhux preferenzjali, minħabba li l-biċċa l-kbira tal-importazzjonijiet mhux preferenzjali tal-prodotti rilevanti bħalissa għadhom joriġinaw mill-Federazzjoni Russa, minkejja ż-żieda fil-miżuri tariffarji applikabbli għal ċerti fertilizzanti ta' oriġini Russa mill-1 ta' Lulju 2025². Fil-fatt, u b'mod partikolari fi żmien ta' skarsezza fis-swieq internazzjonali tal-fertilizzanti tan-nitroġenu, l-eżistenza ta' tariffi fuq l-importazzjoni fl-Unjoni tal-ammonijaka u l-urea tikkostitwixxi diżinċentiv għall-provvista tas-suq tal-Unjoni meta mqabbla ma' swieq dinjija oħra, li ma jimponu l-ebda tariffa tal-importazzjoni bħal din. Meta jitqies li l-prodotti nnegozjati f'din il-kategorija huma primarjament komoditajiet, din id-differenza fit-tariffi xxekkel l-isforzi għad-diversifikazzjoni tal-importazzjonijiet tal-Unjoni. Għall-fertilizzanti bbażati fuq in-nitroġenu fil-kamp ta'

¹ [Monitoraġġ tal-Prezzijiet tal-Fertilizzanti - Librerija.](#)

² [Ir-Regolament \(UE\) 2025/1227 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-17 ta' Ġunju 2025 dwar il-modifika tad-dazji doganali applikabbli għall-importazzjonijiet ta' ċerti prodotti li joriġinaw jew jiġu esportati mill-Federazzjoni Russa u mir-Repubblika tal-Belarużja.](#)

applikazzjoni ta' dan ir-regolament, l-UE hija importatur nett strutturali kbir mid-dinja, b'din il-provvista kkonċentrata, kemm għall-ammonijaka kif ukoll għall-urea, fi tliet sħab kummerċjali ewlenin biss, li l-Federazzjoni Russa hija waħda minnhom fiż-żewġ każijiet.

Sabiex titrawwem din id-diversifikazzjoni filwaqt li tiġi protetta l-produzzjoni domestika tal-Unjoni u ma tiżdiedx aktar id-dipendenza fuq l-importazzjoni, il-miżuri temporanji ta' liberalizzazzjoni tal-kummerċ ta' din il-proposta għall-kodċijiet NM 2814, 3102 10, 3102 21, 3102 60, 3102 80, 3105 20, 3105 30 u 3105 40 isiru fi ħdan sistema ta' kwoti li tikkorrispondu għal kwota mingħajr dazju skont il-prodott li għaliha l-volum tal-kwota jikkorrispondu għall-volum tal-importazzjonijiet tan-Nazzjon l-Aktar Iffavorit (Most Favoured Nation, MFN) tal-Unjoni ta' 2024 ħliet l-importazzjonijiet mill-Federazzjoni Russa u mir-Repubblika tal-Belarusija iżda miżjuda b'żieda ta' 20 % tal-volumi importati fl-Unjoni minn dawn iż-żewġ pajjiżi fl-2024. Limitu tal-kwota huwa ġġustifikat minħabba li s-sehem tal-produzzjoni domestika fl-Unjoni ta' dawn it-tipi ta' fertilizzanti għadu għoli. Mit-tliet tipi ewlenin ta' fertilizzanti użati mill-bdiewa, il-fertilizzanti bbażati fuq in-nitroġenu huma l-uniċi soġġetti għal dazji tariffarji doganali komuni applikabbli għal oġġetti li huma essenzjali għall-produzzjoni tagħhom, għall-kuntrarju tal-potassa u l-fosforu, fejn oġġetti ewlenin meħtieġa għall-produzzjoni diġà jibbenefikaw minn rata tariffarja doganali komuni b'dazju żero. Il-fertilizzanti bbażati fuq in-nitroġenu huma wkoll l-aktar tip wiesa' ta' fertilizzanti kkunsmati fl-Unjoni, kif ukoll dak li għalih l-Unjoni tiddependi fuq l-importazzjonijiet u l-kost assoċjat mal-emissjonijiet tal-karbonju huwa l-oġġla. Għalhekk, il-miżuri proposti jiffukaw fuq l-importazzjonijiet ta' oġġetti għall-produzzjoni ta' fertilizzanti bbażati fuq in-nitroġenu, u fuq l-importazzjonijiet tal-fertilizzanti bbażati fuq in-nitroġenu l-aktar importati.

- **Konsistenza mad-dispożizzjonijiet eżistenti fil-qasam ta' politika kkonċernat**

Bħalissa, il-pajjiżi terzi li jibbenefikaw minn aċċess preferenzjali mingħajr dazju għas-suq tal-Unjoni skont ftehimiet kummerċjali preferenzjali huma l-fornituri ewlenin tal-ammonijaka u tal-urea. Madankollu, importazzjonijiet sinifikanti joriġinaw f'pajjiżi soġġetti għat-Tariffa Doganali Komuni, b'rati tariffarji li bħalissa jvarjaw bejn 5,5 u 6,5 %. Sabiex tiżdied l-istabbiltà tal-provvista, huwa xieraq li jitwessa' temporanjament l-ambitu ġeografiku tal-pajjiżi fornituri li jibbenefikaw minn trattament mingħajr dazju lil hinn minn dawk li jibbenefikaw minn ftehim ta' kummerċ ħieles. Dan għaliex il-provvista bħalissa hija kkonċentrata f'għadd relattivament żgħir ta' fornituri mhux preferenzjali, li minnhom il-Federazzjoni Russa hija fost l-aktar importanti. Madankollu, għall-kuntrarju tal-aċċess mingħajr dazju permezz ta' ftehimiet kummerċjali preferenzjali, il-miżuri proposti għas-sospensjonijiet tariffarji stabbiliti f'din il-proposta huma temporanji, u huma limitati f'termini ta' volum għal-livell ta' kwoti tariffarji speċifiċi. Huwa xieraq ukoll li l-prodotti mill-Federazzjoni Russa u mir-Repubblika tal-Belarusija jiġu esklużi mit-tnaqqis fit-tariffi applikabbli għall-kwoti miftuħa, b'mod partikolari b'konsistenza mar-Regolament 1227/2025 li jiddetermina speċifikament iż-żieda fit-tariffi fuq l-importazzjonijiet ta' fertilizzanti ta' dawn l-oriġini u f'konformità mal-obbligi internazzjonali tal-Unjoni.

- **Konsistenza ma' politiki oħra tal-Unjoni**

Il-miżuri ta' liberalizzazzjoni tal-kummerċ li jinsabu f'din il-proposta għandhom l-għan li jiżguraw li s-sospensjoni temporanja tat-tariffa doganali komuni tal-Unjoni titwettaq fil-kuntest tal-prinċipji u l-oġġettivi tal-azzjoni esterna tal-Unjoni stabbiliti fl-Artikolu 21 tat-TUE u li oqsma differenti ta' azzjoni esterna tal-Unjoni, kif ukoll l-azzjoni esterna tagħha u politiki oħra tal-Unjoni, ikunu konsistenti. Għalhekk huwa xieraq li l-prodotti li joriġinaw mill-Federazzjoni Russa u mir-Repubblika tal-Belarusija jiġu esklużi mit-tnaqqis fit-tariffi,

f'konformità mal-miżuri restrittivi meħuda mill-Unjoni kontra dawn il-pajjiżi wara l-aggressjoni tar-Russja kontra l-Ukrajna.

2. BAŻI LEGALI, SUSSIDJARJETÀ U PROPORZJONALITÀ

• Bażi legali

Il-bażi legali ta' din il-proposta għal regolament hi l-Artikolu 31 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (TFUE).

• Sussidjarjetà (għall-kompetenza mhux esklużiva)

Il-prinċipju tas-sussidjarjetà ma japplikax, peress li l-proposta taqa' taħt il-kompetenza esklussiva tal-Unjoni.

• Proporzjonalità

Il-proposta tikkonforma mal-prinċipju tal-proporzjonalità peress li tibbilanċja l-interess kummerċjali tal-operaturi ekonomiċi (il-produtturi tal-fertilizzanti tan-nitroġenu u l-konsumaturi). Il-proposta tipprevedi s-sospensjoni tad-dazji tat-Tariffa Doganali Komuni biss għal-linji tariffarji tal-oġġetti użati għall-produzzjoni tal-fertilizzanti, ċerti fertilizzanti bbażati fuq in-nitroġenu, u taħlitiet li fihom in-nitroġenu li għalihom id-dipendenza tal-Unjoni fuq l-importazzjonijiet tkun l-oġġla, u fejn id-diversifikazzjoni lil hinn mill-Federazzjoni Russa u mill-konċentrazzjoni eżistenti tal-fornituri tkun kruċjali. Barra minn hekk, is-sospensjoni se tapplika biss temporanjament.

• Għażla tal-istrument

Skont l-Artikolu 31 tat-TFUE, "Id-dazji tat-Tariffi Doganali Komuni għandhom ikunu stabbiliti mill-Kunsill li jaġixxi fuq proposta mill-Kummissjoni". Għalhekk Regolament tal-Kunsill hu l-istrument xieraq. Bis-saħħa tal-Artikolu 31 TFUE, il-Kunsill jistabbilixxi d-dazji tat-Tariffa Doganali Komuni, filwaqt li jaġixxi b'maġġoranza kwalifikata fuq il-bażi ta' proposta tal-Kummissjoni.

3. RIŻULTATI TAL-EVALWAZZJONIJIET *EX POST*, TAL-KONSULTAZZJONIJIET MAL-PARTIJIET IKKONĊERNATI U TAL-VALUTAZZJONIJIET TAL-IMPATT

• Evalwazzjonijiet *ex post*/kontrolli tal-idoneità tal-leġiżlazzjoni eżistenti

Mhux applikabbli.

• Konsultazzjonijiet mal-partijiet ikkonċernati

Mhux applikabbli.

• Ġbir u użu tal-għarfien espert

Mhux applikabbli.

• Valutazzjoni tal-impatt

Fid-dawl taż-żieda sinifikanti fl-importazzjonijiet ta' oġġetti minn fornituri ta' pajjiżi terzi użati fil-produzzjoni ta' fertilizzanti tan-nitroġenu, aggravata mis-sitwazzjoni ta' emerġenza li pprovokat l-invażjoni tal-Ukrajna mill-Federazzjoni Russa – preċedentement l-akbar fornitur ta' fertilizzanti tan-nitroġenu lejn l-Unjoni – huwa importanti li r-Regolament jidħol fis-seħħ malajr kemm jista' jkun sabiex titrawwem id-diversifikazzjoni tal-provvisti għall-oġġetti

meħtieġa għall-produzzjoni tal-fertilizzanti, u tnaqqis fil-kostijiet tal-produzzjoni, qabel l-istaġun tat-tħawwil/tat-tiżriġ li jmiss. Għalhekk, ma twettqet l-ebda valutazzjoni tal-impatt għall-miżura inkwistjoni. Madankollu, huwa mistenni li l-miżura proposta tbiddel il-profil tal-fornituri tal-fertilizzanti tan-nitroġenu u ta' ċerti fertilizzanti bbażati fuq in-nitroġenu lejn l-Unjoni u tgħin fid-diversifikazzjoni lil hinn mill-Federazzjoni Russa u mill-konċentrazzjoni eżistenti ta' forniture.

- **Idoneità regolatorja u simplifikazzjoni**

Il-miżura ma żżidx il-piż regolatorju tal-kumpaniji.

- **Drittijiet fundamentali**

Mhux applikabbli.

4. IMPLIKAZZJONIJIET BAĠITARJI

Din il-proposta ma għandha l-ebda impatt finanzjarju fuq in-nefqa, iżda għandha impatt finanzjarju fuq id-dħul. Id-dazji doganali mhux miġbura li jikkorrispondu għas-sospensjoni se jammontaw għal madwar EUR 59,5 miljun għall-perjodu ta' applikazzjoni ta' 12-il xahar tal-miżura. It-tul ta' żmien tal-miżura huwa perjodu ta' sena, sa nofs l-2027.

L-effett negattiv fuq ir-riżorsi proprji tradizzjonali tal-baġit huwa ta' EUR 44,7 miljun (jiġifieri 75 % tat-total). Id-dikjarazzjoni finanzjarja leġiżlattiva tistabbilixxi l-implikazzjonijiet baġitarji tal-proposta f'aktar dettall.

It-telf ta' dħul f'riżorsi proprji tradizzjonali se jiġi kkompensat mill-Introjtu Nazzjonali Gross (ING) tal-Istati Membri abbażi tal-kontribuzzjonijiet tar-riżorsi.

5. ELEMENTI OĦRA

- **Pjanijiet ta' implimentazzjoni u arranġamenti għall-monitoraġġ, l-evalwazzjoni u r-rapportar**

Ir-rapportar online dwar l-evoluzzjoni tal-importazzjonijiet tal-Unjoni ta' fertilizzanti bbażati fuq in-nitroġenu huwa disponibbli permezz ta' siti web iddedikati tal-Kummissjoni Ewropea (Eurostat).

- **Dokumenti ta' spjegazzjoni (għad-direttivi)**

Mhux applikabbli.

- **Spjegazzjoni fid-dettall tad-dispożizzjonijiet speċifiċi tal-proposta**

Fid-dawl tas-sitwazzjoni straordinarja fis-suq tal-Unjoni għall-fertilizzanti, il-miżura għandha l-għan li żżid il-flussi kummerċjali, u trawwem id-diversifikazzjoni, fir-rigward tal-importazzjonijiet ta' oġġetti għall-produzzjoni ta' fertilizzanti bbażati fuq in-nitroġenu, ċerti fertilizzanti bbażati fuq in-nitroġenu, u taħlitiet li fihom in-nitroġenu billi tissospendi temporanjament id-dazji tal-importazzjoni applikati għal dawn il-prodotti.

Proposta għal

REGOLAMENT TAL-KUNSILL

li jissospendi d-dazji tat-Tariffa Doganali Komuni msemmija fl-Artikolu 56(2), il-punt (c), tar-Regolament (UE) Nru 952/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, li jiftaħ u jipprevedi l-ġestjoni ta' kwoti tariffarji awtonomi għal ċerti fertilizzanti

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 31 tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta tal-Kummissjoni Ewropea,

Wara li l-abbozz tal-att leġiżlattiv intbagħat lill-parlamenti nazzjonali,

Filwaqt li jaġixxi f'konformità mal-proċedura leġiżlattiva speċjali,

Billi:

- (1) Is-suq tal-Unjoni għal ċerti inputs ta' fertilizzanti tan-nitroġenu jiddependi b'mod konsiderevoli fuq l-importazzjonijiet minn pajjiżi terzi. Fl-2024, l-Unjoni importat 2 miljun tunnellata ta' ammonijaka u 5,9 miljun tunnellata ta' urea b'mod partikolari biex tipproduċi fertilizzanti tan-nitroġenu. Barra minn hekk, l-Unjoni importat total ta' 6,7 miljun tunnellata ta' fertilizzanti bbażati fuq in-nitroġenu u taħlitiet li fihom in-nitroġenu. Dawn huma oġġetti intensivi fil-karbonju għall-fertilizzanti fejn id-diversifikazzjoni hija diffiċli u teħtieġ iż-żmien. Dawn il-fertilizzanti huma essenzjali wkoll għall-bdiewa Ewropej li jeħtieġu fluss kummerċjali sigur u regolari ta' fertilizzanti bi prezzijiet kompetittivi biex jiggarantixxu l-produzzjoni agrikola u s-sigurtà tal-ikel. Il-prezzijiet għal daww il-prodotti żdiedu sostanzjalment mill-2021.
- (2) Għall-fertilizzanti bbażati fuq in-nitroġenu li jaqgħu fil-kamp ta' applikazzjoni ta' dan ir-Regolament, l-Unjoni hija importatur nett strutturali, bi provvista kkonċentrata fi ftit pajjiżi, fejn wieħed mill-fornituri ewlenin huwa l-Federazzjoni Russa.
- (3) Bħalissa, parti sinifikanti minn dawn l-oġġetti għall-produzzjoni ta' fertilizzanti bbażati fuq in-nitroġenu, u ta' fertilizzanti bbażati fuq in-nitroġenu, diġà huma importati fl-Unjoni mingħajr dazju minn pajjiżi terzi li jibbenefikaw minn aċċess preferenzjali għas-suq tal-Unjoni. Minkejja dan, l-Unjoni għadha timporta volum kbir ta' dawn l-oġġetti li joriġinaw minn pajjiżi soġġetti għat-Tariffa Doganali Komuni, bir-rati tad-dazju doganali li bħalissa jvarjaw bejn 5,5 % u 6,5 %.
- (4) Dawn id-dazji jżidu l-kostijiet għall-produtturi tal-fertilizzanti tan-nitroġenu u jaffettwaw il-prezz tal-fertilizzanti li min-naħa tiegħu jaffettwa l-prezz tal-ikel, u dan iqajjem tħassib fir-rigward tal-kapaċità tal-akkwist tal-konsumaturi inklużi l-bdiewa Ewropej. F'dawn l-aħħar snin, l-Unjoni rat żieda sinifikanti fil-prezzijiet tal-fertilizzanti filwaqt li l-prezzijiet ta' ċerti prodotti agrikoli ma kinux jirriflettu bis-sħiħ l-istess xejra. Din is-sitwazzjoni tpoġġi taħt pressjoni l-vijabbiltà tal-produzzjoni agrikola tal-Unjoni.

- (5) Sabiex jiġi żgurat dinamiżmu qawwi tas-suq tal-fertilizzanti tal-Unjoni u jiġu diversifikati l-ktajjen tal-provvista, huwa meħtieġ li jiġu ffaċilitati l-importazzjonijiet ta' oġġetti użati għall-produzzjoni ta' fertilizzanti bbażati fuq in-nitroġenu, ċerti fertilizzanti bbażati fuq in-nitroġenu, u taħlitiet li fihom in-nitroġenu. Barra minn hekk, id-diversifikazzjoni urġenti tas-sorsi ta' provvista lil hinn mill-Federazzjoni Russa hija kruċjali, b'mod partikolari minħabba l-miżuri stabbiliti mir-Regolament 2025/1227 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li se jżidu progressivament it-tariffi għal xi wħud mill-oġġetti li jaqgħu fil-kamp ta' applikazzjoni ta' dan ir-Regolament.
- (6) L-Unjoni esperjenzat kostijiet għoljin tal-enerġija f'dawn l-aħħar snin, li affettwaw b'mod negattiv il-produzzjoni tal-fertilizzanti fl-Unjoni u speċjalment il-fertilizzanti bbażati fuq in-nitroġenu minħabba li l-gass naturali huwa s-sors ewlieni tal-enerġija u materja prima. Dan wassal għal impatt sinifikanti fuq il-produzzjoni u l-bejgħ tal-industrija tal-fertilizzanti tal-Unjoni. Il-produtturi tal-fertilizzanti tal-Unjoni għad iridu jadattaw għal dan l-ambjent kumpless xprunat minn fatturi ġeopolitiċi. Għalhekk, kwalunkwe miżura meħuda biex tittejjeb il-provvista tal-fertilizzanti jeħtieġ li tevita li jkollha impatt negattiv fuq il-produtturi tal-fertilizzanti tal-Unjoni.
- (7) Peress li l-produzzjoni eżistenti tal-fertilizzanti tal-Unjoni jeħtieġ li tibqa' protetta, hemm bżonn li tiżdied ir-reżiljenza ta' din il-katina tal-provvista billi tiġi ffavorita d-diversifikazzjoni tal-inputs tagħha u jiġi minimizzat aktar ir-riskju ta' dipendenzi esterni.
- (8) Huwa xieraq ukoll li tittieħed azzjoni biex jitnaqqsu l-kostijiet tal-importazzjoni ta' oġġetti għall-produzzjoni ta' fertilizzanti bbażati fuq in-nitroġenu, ċerti fertilizzanti bbażati fuq in-nitroġenu, u taħlitiet li fihom in-nitroġenu li għalihom il-produzzjoni tal-Unjoni mhijiex biżżejjed.
- (9) Għalhekk huwa xieraq li d-dazju tat-Tariffa Doganali Komuni msemmi fl-Artikolu 56(2), il-punt (c), tar-Regolament (UE) Nru 952/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill³ għall-urea u l-ammonijaka, kif ukoll għal ċerti fertilizzanti bbażati fuq in-nitroġenu, u taħlitiet li fihom in-nitroġenu sa ċertu volum tal-importazzjonijiet tagħhom jiġi sospiż temporanjament. Sabiex jiġu bbilanċjati l-interessi tal-produtturi tal-Unjoni u dawk tal-konsumaturi tal-Unjoni tal-fertilizzanti, is-sospensjoni temporanja tad-dazji tat-Tariffa Doganali Komuni hija limitata għal kull prodott għall-volum tal-importazzjonijiet tan-Nazzjon l-Aktar Iffavorit (Most Favoured Nation, MFN) tal-Unjoni għall-2024, esklużi l-importazzjonijiet mill-Federazzjoni Russa u mir-Repubblika tal-Belarusjsja iżda miżjuda b'żieda ta' 20 % tal-volumi importati minn dawn iż-żewġ pajjiżi fl-2024. Jenħtieġ li s-sospensjoni tariffarja temporanja tapplika għal sena. Il-Kummissjoni se timmonitorja s-sitwazzjoni fis-suq tal-fertilizzanti u jekk ikun meħtieġ, tipproponi t-tiġdid tas-sospensjoni tat-tariffi biex tinkiseb diversifikazzjoni suffiċjenti u tittejjeb id-disponibbiltà ta' fertilizzanti bi prezz kompetittiv għall-bdiewa Ewropej.
- (10) Jenħtieġ li jiġu esklużi l-importazzjonijiet ta' oġġetti użati għall-produzzjoni ta' fertilizzanti bbażati fuq in-nitroġenu, ċerti fertilizzanti bbażati fuq in-nitroġenu, u taħlitiet li fihom in-nitroġenu mill-Federazzjoni Russa u mir-Repubblika tal-Belarusjsja mill-kamp ta' applikazzjoni tal-miżura tariffarja temporanja stabbilita f'dan ir-Regolament. L-esklużjoni tal-importazzjonijiet mill-Federazzjoni Russa u mir-Repubblika tal-Belarusjsja mis-sospensjoni temporanja stabbilita f'dan ir-Regolament

³ Ir-Regolament (UE) Nru 952/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-9 ta' Ottubru 2013 li jistabbilixxi l-Kodiċi Doganali tal-Unjoni (ĠU L 269, 10.10.2013, p. 1, ELI: <http://data.europa.eu/eli/reg/2013/952/oj>).

hija konsistenti mal-azzjoni esterna tal-Unjoni f'oqsma oħra, kif stabbilit fl-Artikolu 21(3) tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea.

- (11) Il-qagħda tar-relazzjonijiet bejn l-Unjoni u l-Federazzjoni Russa ddeterjorat bil-bosta fl-aħħar snin u b'mod partikolari mill-2022 'l hawn. Dak id-deterjorament tar-relazzjonijiet huwa dovut għan-nuqqas ta' rispett sfaċċat tal-Federazzjoni Russa lejn il-liġi internazzjonali u għall-gwerra ta' aggressjoni mhux provokata u mhux ġustifikata tagħha kontra l-Ukrajna. Minn Lulju 2014 'l hawn, l-Unjoni imponiet progressivament miżuri restrittivi fuq il-kummerċ mal-Federazzjoni Russa bħala rispons għall-azzjonijiet tal-Federazzjoni Russa kontra l-Ukrajna. L-Unjoni imponiet ukoll tariffi oġhla fuq l-importazzjonijiet ta' fertilizzanti bbażati fuq in-nitroġenu mill-Federazzjoni Russa li jaqgħu wkoll fil-kamp ta' applikazzjoni ta' dan ir-Regolament
- (12) Il-Federazzjoni Russa hija membru tal-Organizzazzjoni Dinjija tal-Kummerċ (World Trade Organization, "WTO"). Madankollu, l-Unjoni bħalissa hija permessa, bis-saħħa tal-eċċezzjonijiet li japplikaw skont il-Ftehim li Jistabbilixxi l-Organizzazzjoni Dinjija tal-Kummerċ (il-"Ftehim tad-WTO"), u b'mod partikolari l-Artikolu XXI tal-Ftehim Ġenerali dwar Tariffi u Kummerċ 1994 (eċċezzjonijiet ta' sigurtà), li tinjora l-obbligu li tagħti lill-prodotti importati mill-Federazzjoni Russa it-trattament tan-nazzjon l-aktar iffavorit, u mhijiex imwaqqfa milli timponi dazji ta' importazzjoni oġhla minn dawk li jinsabu fl-iskeda tal-impenji tariffarji tal-Unjoni fuq il-kummerċ tal-prodotti, jekk l-Unjoni tqis li tali miżuri huma meħtieġa sabiex jiġu protetti l-interessi tas-sigurtà essenzjali tal-Unjoni.
- (13) Ir-relazzjonijiet bejn l-Unjoni u r-Repubblika tal-Belarussja ddeterjoraw ukoll matul dawn l-aħħar snin minħabba n-nuqqas ta' rispett min-naħa tar-Repubblika tal-Belarussja għad-dritt internazzjonali, il-libertajiet fundamentali u d-drittijiet tal-bniedem, kif ukoll l-appoġġ tagħha għall-gwerra ta' aggressjoni kontra l-Ukrajna mill-Federazzjoni Russa. Minn Ottubru 2020, l-Unjoni imponiet progressivament miżuri restrittivi fuq il-kummerċ mar-Repubblika tal-Belarussja. L-Unjoni imponiet ukoll tariffi oġhla fuq l-importazzjonijiet ta' fertilizzanti bbażati fuq in-nitroġenu mill-Belarussja.
- (14) Ir-Repubblika tal-Belarussja mhijiex membru tad-WTO. Għalhekk, l-Unjoni mhijiex obbligata, bis-saħħa tal-Ftehim tad-WTO, li tagħti lill-prodotti mir-Repubblika tal-Belarussja t-trattament tan-nazzjon l-aktar iffavorit u trattament ieħor f'konformità ma' dak il-Ftehim. Barra minn hekk, il-ftehimiet kummerċjali eżistenti bejn l-Unjoni u r-Repubblika tal-Belarussja jippermettu azzjonijiet ġustifikati fuq il-bażi ta' klawżoli ta' eċċezzjoni applikabbli, b'mod partikolari eċċezzjonijiet ta' sigurtà.
- (15) Sabiex titrawwem id-diversifikazzjoni tal-provvisti u tnaqqis fl-ispejjeż tal-produzzjoni, qabel l-istaġun tat-tħawwil/taż-żriġh li jmiss, jenħteġ li dan ir-Regolament jidħol fis-seħħ fil-jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*,

ADOTTA DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

1. Id-dazji tat-Tariffa Doganali Komuni msemmija fl-Artikolu 56(2), il-punt (c), tar-Regolament (UE) Nru 952/2013 għandhom jiġu sospiżi għall-kodiċijiet NM li ġejjin, għall-ammonti aggregati ġenerali stabbiliti fl-Anness ta' dan ir-Regolament:
 - (a) il-kodiċijiet NM 2814 10 00 u 2814 20 00;

- (b) il-kodiċijiet NM 3102 10 12, 3102 10 15, 3102 10 19 u 3102 10 90;
 - (c) il-kodiċi NM 3102 21 00;
 - (d) il-kodiċi NM 3102 60 00;
 - (e) il-kodiċi NM 3102 80 00;
 - (f) il-kodiċijiet NM 3105 20 10 u 3105 20 90;
 - (g) il-kodiċi NM 3105 30 00;
 - (h) il-kodiċi NM 3105 40 00.
2. Is-sospensjoni tad-dazji fuq oġġetti taħt il-kodiċijiet NM imsemmija fil-paragrafu 1, il-punt (a), ma għandhiex tapplika għall-importazzjonijiet ta' oġġetti taħt dawk il-kodiċijiet NM mill-Federazzjoni Russa u mir-Repubblika tal-Belarussja.
 3. Is-sospensjoni tad-dazji fuq oġġetti taħt il-kodiċijiet NM imsemmija fil-paragrafu 1, il-punti (b), (c), (d), (e), (f), (g) u (h) ma għandhiex tapplika għall-importazzjonijiet ta' oġġetti taħt dawk il-kodiċijiet mill-Federazzjoni Russa u mir-Repubblika tal-Belarussja li jaqgħu fil-kamp ta' applikazzjoni tar-Regolament 2025/1227 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill.
 4. In-numri tal-ordni tal-kwota l-ġodda għandhom jinfetħu bir-referenzi elenkati fl-Anness ta' dan ir-Regolament.

Artikolu 2

Il-Kummissjoni u l-Istati Membri għandhom jimmaniġġjaw il-kwoti ta' volum tal-importazzjoni stabbiliti fl-Artikolu 1 ta' dan ir-Regolament f'konformità mas-sistema ta' ġestjoni għall-kwoti tariffarji prevista fl-Artikoli 49 sa 54 tar-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2015/2447⁴.

Artikolu 3

Il-Kummissjoni għandha timmonitorja s-sitwazzjoni fis-suq tal-fertilizzanti u jekk ikun meħtieġ, tipproponi l-estensjoni tas-sospensjoni prevista fl-Artikolu 1.

Artikolu 4

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fil-jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Għandu japplika sa [*Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet jekk jogħġbok żid: sena wara d-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament*].

⁴ Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2015/2447 tal-24 ta' Novembru 2015 li jistabbilixxi regoli dettaljati għall-implimentazzjoni ta' ċerti dispożizzjonijiet tar-Regolament (UE) Nru 952/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jistabbilixxi l-Kodiċi Doganali tal-Unjoni (ĠU L 343, 29.12.2015, p. 558).

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell,

Għall-Kunsill

Il-President

DIKJARAZZJONI FINANZJARJA LEĠIŻLATTIVA “DĦUL” - GĦAL PROPOSTI LI GĦANDHOM IMPATT BAĠITARJU FUQ IN-NAĦA TAD-DĦUL TAL-BAĠIT

1. ISEM IL-PROPOSTA:

Proposta għal Regolament tal-Kunsill li jissospendi d-dazji tat-Tariffa Doganali Komuni msemija fl-Artikolu 56(2), il-punt (c), tar-Regolament (UE) Nru 952/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, li jiftaħ u jipprevedi l-ġestjoni ta' kwoti tariffarji awtonomi għal ċerti fertilizzanti.

2. LINJI BAĠITARJI:

Linja tad-dħul (Kapitolu/Artikolu/Partita): Il-Kapitolu 12, l-Artikolu 120

Ammont ibbaġitjat għas-sena kkonċernata: 2026: EUR 21 368 300 000

3. IMPATT FINANZJARJU

- Il-proposta ma għandha l-ebda implikazzjoni finanzjarja
- Il-proposta ma għandha l-ebda impatt finanzjarju fuq in-nefqa iżda għandha impatt finanzjarju fuq id-dħul
- Il-proposta għandha impatt finanzjarju fuq id-dħul assenjat

L-effett huwa kif ġej:

(miljuni ta' EUR sa pożizzjoni deċimali waħda)

Linja tad-dħul	Impatt fuq id-dħul ⁵⁶	Perjodu ta' 12-il xahar li jibda	Sena N
NM 2814	<i>EUR 6,1 miljun</i>	<i>01/05/2026</i>	<i>2026</i>
Il-Kodiċijiet NM 3102 10 12, 3102 10 12, 3102 10 15, 3102 10 19 u 3102 10 90	<i>EUR 14,6 miljun</i>	<i>01/05/2026</i>	<i>2026</i>
NM 3102 21	<i>EUR 4,3 miljun</i>	<i>01/05/2026</i>	<i>2026</i>
NM 3102 60	<i>EUR 0,4 miljun</i>	<i>01/05/2026</i>	<i>2026</i>
NM 3102 80	<i>EUR 5,4 miljun</i>	<i>01/05/2026</i>	<i>2026</i>
NM 3105 20	<i>EUR 7,0 miljun</i>	<i>01/05/2026</i>	<i>2026</i>
NM 3105 30	<i>EUR 4,0 miljun</i>	<i>01/05/2026</i>	<i>2026</i>
NM 3105 40	<i>EUR 2,9 miljun</i>	<i>01/05/2026</i>	<i>2026</i>

⁵ L-ammonti għal kull sena jridu jkunu stima abbażi tal-formula jew il-metodu definit fit-Taqsima 5. Għas-sena tal-bidu, l-ammont annwali normalment jitħallas mingħajr tnaqqis jew fuq bażi pro rata.

⁶ Fil-każ ta' riżorsi proprji tradizzjonali (dazji doganali, imposti fuq iz-zokkor) l-ammonti indikati jridu jkunu ammonti netti, jiġifieri ammonti grossi wara t-tnaqqis ta' 25 % għall-kostijiet tal-ġbir.

Sitwazzjoni wara l-azzjoni					
Linja tad-dħul	[N+1]	[N+2]	[N+3]	[N+4]	[N+5]
NM 2814	0	0	0	0	0
NM 3102 10	0	0	0	0	0
NM 3102 21	0	0	0	0	0
NM 3102 60	0	0	0	0	0
NM 3102 80	0	0	0	0	0
NM 3105 20	0	0	0	0	0
NM 3105 30	0	0	0	0	0
NM 3105 40	0	0	0	0	0

4. MIŻURI KONTRA L-FRODI

Nru

5. RIMARKI OĦRA

Fl-2024, il-valur totali tal-importazzjonijiet tal-kodiċi NM 2814 ammonta għal EUR 1,1 biljun. Ir-rata konvenzjonali tad-dazju għal dan il-kodiċi NM hija 5,5 %. Il-biċċa l-kbira ta' dawn l-importazzjonijiet kienu ħielsa mid-dazju bħala riżultat tal-implimentazzjoni tal-Ftehimiet ta' Kummerċ Ħieles. Il-bqija kienu importazzjonijiet li jħallsu r-rata tad-dazju tat-Tariffa Doganali Komuni, u l-valur unitarju ta' daww l-importazzjonijiet, ħliel il-Federazzjoni Russa u r-Repubblika tal-Belarusjsja, li mhux se jkunu soġġetti għal tnaqqis fit-tariffi, kien ta' EUR 489 għal tunnollata metrika. Id-dazji stmati mhux miġbura għal kwota ta' 300 000 tunnollata metrika huma għalhekk EUR 8,1 miljun (489 x 300 000 x 5,5 %) fis-sena. Il-kostijiet tal-ġbir ta' 25 % jitnaqqsu minn dan il-valur, u għalhekk id-dazju massimu stmat mitluf għall-baġit tal-UE għal dan il-prodott huwa ta' EUR 6,1 miljun għal perjodu ta' 12-il xahar.

Fl-2024, il-valur totali tal-importazzjonijiet tal-kodiċi NM 3102 10 ammonta għal EUR 2 biljun. Ir-rata konvenzjonali tad-dazju għal dan il-kodiċi NM hija 6,5 %. Il-biċċa l-kbira ta' dawn l-importazzjonijiet kienu ħielsa mid-dazju bħala riżultat tal-implimentazzjoni tal-Ftehimiet ta' Kummerċ Ħieles. Il-bqija kienu importazzjonijiet li jħallsu r-rata tat-Tariffa Doganali Komuni, u l-valur unitarju ta' daww l-importazzjonijiet, ħliel il-Federazzjoni Russa u r-Repubblika tal-Belarusjsja, li mhux se jkunu soġġetti għal tnaqqis fit-tariffi, kien ta' EUR 336 għal kull tunnollata metrika. Id-dazji stmati mhux miġbura għal kwota ta' 890 000 tunnollata metrika huma għalhekk EUR 19,5 miljun (336 x 890 000 x 6,5 %) fis-sena. Il-kostijiet tal-ġbir ta' 25 % jitnaqqsu minn dan il-valur, u għalhekk id-dazju massimu stmat mitluf għall-baġit tal-UE għal dan il-prodott huwa ta' EUR 14,6 miljun għal perjodu ta' 12-il xahar.

Fl-2024, il-valur totali tal-importazzjonijiet tal-kodiċi NM 3102 21 ammonta għal EUR 119 miljun. Ir-rata konvenzjonali tad-dazju għal dan il-kodiċi NM hija 6,5 %. Il-biċċa l-kbira ta'

dawn l-importazzjonijiet kienu ħielsa mid-dazju bħala r-żultat tal-implimentazzjoni tal-Ftehimiet ta' Kummerċ Ħieles. Il-bqija kienu importazzjonijiet li jħallsu r-rata tat-Tariffa Doganali Komuni, u l-valur unitarju ta' dawk l-importazzjonijiet, ħlief il-Federazzjoni Russa u r-Repubblika tal-Belarussja, li mhux se jkunu soġġetti għal tnaqqis fit-tariffi, kien ta' EUR 212 għal kull tunnellata metrika. Id-dazji stmati li ma nġabrux huma għalhekk EUR 5,7 miljun EUR ($212 \times 413\,000 \times 6,5\%$) fis-sena. Il-kostijiet tal-għbir ta' 25 % jitnaqqsu minn dan il-valur, u għalhekk id-dazju massimu stmat mitluf għall-baġit tal-UE għal dan il-prodott huwa ta' EUR 4,3 miljun għal perjodu ta' 12-il xahar.

Fl-2024, il-valur totali tal-importazzjonijiet tal-kodiċi NM 3102 60 ammonta għal EUR 84 miljun. Ir-rata konvenzjonali tad-dazju għal dan il-kodiċi NM hija 6,5 %. Il-biċċa l-kbira ta' dawn l-importazzjonijiet kienu ħielsa mid-dazju bħala r-żultat tal-implimentazzjoni tal-Ftehimiet ta' Kummerċ Ħieles. Il-bqija kienu importazzjonijiet li jħallsu r-rata tat-Tariffa Doganali Komuni, u l-valur unitarju ta' dawk l-importazzjonijiet, ħlief il-Federazzjoni Russa u r-Repubblika tal-Belarussja, li mhux se jkunu soġġetti għal tnaqqis fit-tariffi, kien ta' EUR 298 għal kull tunnellata metrika. Id-dazji stmati li ma nġabrux huma għalhekk EUR 0,5 miljun EUR ($298 \times 27\,000 \times 6,5\%$) fis-sena. Il-kostijiet tal-għbir ta' 25 % jitnaqqsu minn dan il-valur, u għalhekk id-dazju massimu stmat mitluf għall-baġit tal-UE għal dan il-prodott huwa ta' EUR 0,4 miljun għal perjodu ta' 12-il xahar.

Fl-2024, il-valur totali tal-importazzjonijiet tal-kodiċi NM 3102 80 ammonta għal EUR 269 miljun. Ir-rata konvenzjonali tad-dazju għal dan il-kodiċi NM hija 6,5 %. Parti minn dawn l-importazzjonijiet kienu ħielsa mid-dazju bħala r-żultat tal-implimentazzjoni tal-Ftehimiet ta' Kummerċ Ħieles. Il-bqija kienu importazzjonijiet li jħallsu r-rata tat-Tariffa Doganali Komuni, u l-valur unitarju ta' dawk l-importazzjonijiet, ħlief il-Federazzjoni Russa u r-Repubblika tal-Belarussja, li mhux se jkunu soġġetti għal tnaqqis fit-tariffi, kien ta' EUR 190 għal kull tunnellata metrika. Id-dazji stmati li ma nġabrux huma għalhekk EUR 7,2 miljun EUR ($190 \times 583\,000 \times 6,5\%$) fis-sena. Il-kostijiet tal-għbir ta' 25 % jitnaqqsu minn dan il-valur, u għalhekk id-dazju massimu stmat mitluf għall-baġit tal-UE għal dan il-prodott huwa ta' EUR 5,4 miljun għal perjodu ta' 12-il xahar.

Fl-2024, il-valur totali tal-importazzjonijiet tal-kodiċi NM 3105 20 ammonta għal EUR 915 miljun. Ir-rata konvenzjonali tad-dazju għal dan il-kodiċi NM hija 6,5 %. Parti minn dawn l-importazzjonijiet kienu ħielsa mid-dazju bħala r-żultat tal-implimentazzjoni tal-Ftehimiet ta' Kummerċ Ħieles. Il-bqija kienu importazzjonijiet li jħallsu r-rata tat-Tariffa Doganali Komuni, u l-valur unitarju ta' dawk l-importazzjonijiet, ħlief il-Federazzjoni Russa u r-Repubblika tal-Belarussja, li mhux se jkunu soġġetti għal tnaqqis fit-tariffi, kien ta' EUR 401 għal kull tunnellata metrika. Id-dazji stmati li ma nġabrux huma għalhekk EUR 9,4 miljun EUR ($401 \times 360\,000 \times 6,5\%$) fis-sena. Il-kostijiet tal-għbir ta' 25 % jitnaqqsu minn dan il-valur, u għalhekk id-dazju massimu stmat mitluf għall-baġit tal-UE għal dan il-prodott huwa ta' EUR 7 miljun għal perjodu ta' 12-il xahar.

Fl-2024, il-valur totali tal-importazzjonijiet tal-kodiċi NM 3105 30 ammonta għal EUR 881 miljun. Ir-rata konvenzjonali tad-dazju għal dan il-kodiċi NM hija 6,5 %. Il-biċċa l-kbira ta' dawn l-importazzjonijiet kienu ħielsa mid-dazju bħala r-żultat tal-implimentazzjoni tal-Ftehimiet ta' Kummerċ Ħieles. Il-bqija kienu importazzjonijiet li jħallsu r-rata tat-Tariffa Doganali Komuni, u l-valur unitarju ta' dawk l-importazzjonijiet, ħlief il-Federazzjoni Russa u r-Repubblika tal-Belarussja, li mhux se jkunu soġġetti għal tnaqqis fit-tariffi, kien ta' EUR 945 għal kull tunnellata metrika. Id-dazji stmati li ma nġabrux huma għalhekk EUR 5,3 miljun EUR ($945 \times 87\,000 \times 6,5\%$) fis-sena. Il-kostijiet tal-għbir ta' 25 % jitnaqqsu minn dan il-valur, u għalhekk id-dazju massimu stmat mitluf għall-baġit tal-UE għal dan il-prodott huwa ta' EUR 4 miljun għal perjodu ta' 12-il xahar.

Fl-2024, il-valur totali tal-importazzjonijiet tal-kodiċi NM 3105 40 ammonta għal EUR 357 miljun. Ir-rata konvenzjonali tad-dazju għal dan il-kodiċi NM hija 6,5 %. Il-biċċa l-kbira ta' dawn l-importazzjonijiet kienu ħielsa mid-dazju bħala riżultat tal-implimentazzjoni tal-Ftehimiet ta' Kummerċ Fieles. Il-bqija kienu importazzjonijiet li jħallsu r-rata tat-Tariffa Doganali Komuni, u l-valur unitarju ta' dawg l-importazzjonijiet, ħlief il-Federazzjoni Russa u r-Repubblika tal-Belarusja, li mhux se jkunu soġġetti għal tnaqqis fit-tariffi, kien ta' EUR 710 għal kull tunnellata metrika. Id-dazji stmati li ma nġabrux huma għalhekk EUR 3,8 miljun EUR (710 x 83 000 x 6,5 %) fis-sena. Il-kostijiet tal-ġbir ta' 25 % jitnaqqsu minn dan il-valur, u għalhekk id-dazju massimu stmat mitluf għall-baġit tal-UE għal dan il-prodott huwa ta' EUR 2,9 miljun għal perjodu ta' 12-il xahar.

Abbażi ta' dan ta' hawn fuq, l-impatt fuq it-telf ta' dħul għall-baġit tal-UE li jirriżulta minn dan ir-Regolament huwa stmat għal EUR 44,7 miljun fis-sena (EUR 6,1 miljun + EUR 14,6 miljun + EUR 4,3 miljun + EUR 0,4 miljun + EUR 5,4 miljun + EUR 7 miljun + EUR 4 miljun + EUR 2,9 miljun).

Għall-perjodu ta' 12-il xahar tal-applikazzjoni tiegħu matul l-2026 u l-2027, l-impatt fuq it-telf tad-dħul mir-riżorsi proprji tradizzjonali għall-baġit tal-UE huwa stmat bħala 75 % tal-ammont gross totali tad-dazji doganali mitlufa ta' EUR 59,5 miljun, jiġi f'EUR 44,7 miljun.

It-telf ta' dħul f'riżorsi proprji tradizzjonali se jiġi kkompensat mill-Introjtu Nazzjonali Gross (ING) tal-Istati Membri fuq il-baġi tal-kontribuzzjonijiet tar-riżorsi.